**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Rikors nru: 172/2016 CFF**

**Wara l-ittra uffiċjali datata 6 ta' Ġunju, 2016 fl-ismijiet:**

**IS-SOĊJETA' AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED**
**VS**
**FRANCIS GRIMA**

**Illum 12 t'Ottubru 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Francis Grima fejn espona:

Illi fl-14 ta' Lulju, 2016 huwa gie notifikat b'ittra uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li biha ġie interpellat biex iħallas is-somma ta' €1,733.36c li allegatament "huwa ammont ċert, likwidu u dovut u rapprżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma imgħax dovut fuq l-Ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000022228 ossia dwar il-fond bl-indirizz Fl 8, Triq il-Merkanti, Camarata, is-sular ta' isfel, Valletta" (Ara Dok. "A" hawn unit).

Illi l-esponent jixtieq jopponi għat-talba magħmula mis-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited għas-segwenti raġunijiet:

1. Illi mhux korrett dak li gie dikjarat bil-ġurament minn Reuben Bonnici (ID 448471M) in rappreżentanza tas-soċjeta' Arms Limited li l-esponent qatt ma' ikkontesta jew oppona l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut. Fil-fatt l-esponent kien kitbilhom ittra fl-10 ta' Novembru 2015 fejn ipprotesta u oppona l-kalkolu maħdum (Ara Dok. "B" hawn unit);

2. Illi l-proċedura adoperata mis-soċjeta' msemmija hija irrita u nulla peress li kif gia ingħad huwa kien gia għarraf lis-soċjeta' msemmija b'ittra datata l-10 ta' Novembru, 2015 li kien qed "jikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut".
3. Illi bla preġudizzju għall-premess u fil-mertu, l-ammont reklamat huwa esagerat u eżorbitanti. L-esponent jgħix waħdu fil-blokk ta' l-imsemmija "Kamerata" ġo Strada Merkanti l'isfel u ma jistgħax ikun li hemm dak il-konsum kollu ta' meters li jinsabu magħluqa ġo garaxx fi Triq it-Tramuntana, Valletta, u biex jaċċedi għalihom huwa jrid jitlob iċ-ċwievet lill-proprjetarju ta' dan il-garage.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Qorti jogħġobha tiddikjara t-talba tas-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited għall-ħlas tas-somma ta' €1,733.36c a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif kontenuta fl-ittra uffiċjali tas-6 ta' Ġunju, 2016 (Dok "A" hawn unit) hija waħda infondata u konsegwentement għandha tiċħad l-istess talba bl-ispejjeż.

Rat **ir-risposta** tal-Automated Revenue Management Services Limited pro et noe fejn esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok is-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited ippreżentat l-ittra uffiċjali promotorja f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma u għalhekk fl-okkju ta' din il-proċedura għandha tiġi indikata bħala Automated Revenue Management Services Limited pro et noe.
2. Illi fis-6 ta' Lulju, 2016, hija intavolat ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kontra r-rikorrenti Francis Grima li ġġib in-numru 1680/2016, liema ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata lill-intimat.
3. Illi skont l-imsemmi artikolu tal-Liġi din il-proċedura ma tapplikax biss fejn, "*il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avzat lir-rikorrent sew* ***permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata*** *li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provvediment jew il-kiri ta' dak il-meter*" (emfasi tas-sottoskritt).
4. Illi r-rikorrent la ikkontesta t-talba tal-esponenti permezz ta' att gudizzjarju u lanqas permezz ta' ittra reġistrata u għalhekk l-esponenti setgħet tmexxi bil-proċedura ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
5. Illi r-rikorrenti kien ikkontesta t-talba għal ħlas peress li kien ikkontenda, skont dak li jinsab fid-dokument "B" anness mar-rikors tiegħu, li "*ma jistax ikun hemm dik il-ħela*".
6. Illi jidher li l-ħela li għaliha kien qed jirreferi l-istess rikorrent kienet tirrigwarda ħela ta' ilma.
7. Illi sa minn dak iż-żmien kien ġie issugerit lilu li kellu jagħmel talba sabiex il-*meter* tal-ilma jiġi ittestjat u ġie mogħti parir biex japplika biex isir tali test.
8. Illi huwa fil-fatt, stranament huwa applika sabiex isir test fil-*meter* tad-dawl li irrizulta li kien qed jagħti qari korrett iżda naqas li jitlob test għall-*meter* tal-ilma.
9. Illi għalhekk l-esponenti ma kelliex triq ohra ħlief li tibqa' titlob il-ħlas dovut skont il-qari reġistrat.

10. Illi l-ittra uffiċjali, imsemmija fuq għalhekk hija allura valida u għandha tiġi reża eżekuttiva kontra Francis Grima fl-ammont fuq indikat ta' €1,733.36 u dan peress li jissussistu l-elementi kollha meħtieġa ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u kien proprju minħabba f'hekk li s-soċjeta' esponenti għamlet użu minn tali proċedura.
11. Illi għaldaqstant u b'riżerva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li tinġieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-soċjeta' esponenti pro et nomine hija tal-fehma li din l-istess Qorti għandha tiċħad it-talba tar-rikorrenti bħala mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra uffiċjali numru 1680/2016 ippreżentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħala titolu eżekuttiv fl-ammont ta' €1,733.36 kontra l-imsemmi Francis Grima.

Fl-affidavit ta' Francis Grima, dan jgħid li jgħix fi blokka appartamenti li joqgħodu xi 150 ruħ go fiha. Il-meter tad-dawl u l-ilma ta' l-appartament tiegħu kif ukoll ta' xi wħud oħrajn jinsabu ġo garaxx fi Triq it-Tramuntana li huwa mikri lil terz u li għalhekk meta jiġi l-meter reader jinforma lill-inkwilin tal-garaxx biex jiftaħlu. Kompla jgħid li huwa jgħix bil-pensjoni ta' l-Ingilterra u l-introjtu tiegħu huwa ta' €450 fix-xahar. Peress li jqatta' ħafna hin barra l-appartament, il-konsum tad-dawl u l-ilma huwa minimu. Kien hemm żmien fejn il-kontijiet bdew jiġu għoljin ħafna u wara li kien anke kellem lil tal-ARMS u issuġġerilhom li l-meter tiegħu jsir sular għoli mill-garaxx, tal-ARMS ma laqgħux tali suġġeriment iżda minflok qalulu li jrid iħallas il-kontijiet.

**Rueben Bonnici** ippreżenta diversi kontijiet kollha jsejħu lil Francis Grima mis-sena 2010 sas-sena 2016. Ma għandux konnoxxenza ta' fejn il-meter jinsab installat fiżikament. Huwa ippreżenta wkoll zewġ korrispondenzi li l-ARMS irċeviet mingħand is-sur Grima u cioe' fl-2009 u fl-2015. Għar-rigward il-kont għal perjodu ta' bejn l-4 ta' Jannar 2013 sat-3 ta' Lulju 2013 il-kont kien ta' €853 u l-bilanċ pendenti ta' qabel kien €753. F'dan il-perjodu kienu nbiddlu l-metres tad-dawl u l-ilma. Fuq il-kont kien hemm indikat li l-final reading tad-dawl kien 5 units u l-final reading tal-ilma kien 144. L-ammont ta' €853 huwa skont il-konsum tal-perjodu ta' meta nqalgħu l-metres tad-dawl u l-ilma, inbiddlu u l-qari tal-meter mill-meter reader fit-3 ta' Lulju 2013. Jispjega li sabiex jitneħħa l-meter tad-dawl, hemm formola partikolari li trid tintela' u tittieħed għand l-ARMS.

**Reuben Bonnici** reġa' xehed fit-30 t'Ottubru 2018 jgħid li kien ikkomunika mal-Customer Care kif ukoll l-Enemalta biex jivverifika jekk intbgħatux ittri lil kull min għandu meter fil-post sabiex jimlew formola biex jiċċaqalqu l-meters minn posthom pero' ma segwix jekk fil-fatt dan sarx. Huwa kien ikkomunika ma' ċertu Steve Ellul iżda dan m'għadux impjegat mal-ARMS.

**Reuben Bonnici** reġa' xehed fil-11 ta' Novembru 2020 fejn ippreżenta prospett u estratt tal-prospett.

**Joseph Borg** ilu jaf lis-sur Francis Grima mindu kienu tfal zgħar. Jispjega li Francis Grima kien qed jirċievi kontijiet tad-dawl u l-ilma li għal persuna li tgħix waħedha kienu eżorbitanti. Jgħid li huwa kiteb xi zewġ ittri lill-ARMS kif ukoll mar ma' Francis Grima xi darbtejn ukoll l-uffiċini tal-ARMS biex jiċċaraw għalfejn il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu qed jiġu f'ammonti kbar. Joseph Borg jgħid li Francis Grima jgħix f'Kamrata u ċioe' barricks tas-servizzi Ingliżi fi żmien il-gwerra u l-meter tad-dawl u l-ilma jinsab ġewwa North Street il-Belt Valletta. Id-dħul tal-kamrata huwa minn Merchant Street. Ġewwa North Street, kien hemm xi tmien meters u biex ikollu aċċess għal dawn il-meters, irid jitlob lin-nies jiġu jiftħulu. Jgħid li meta ġieli tkellem mar-rappreżentanti tal-ARMS u qalilhom biex ineħħu l-arloġġi tal-meters, ħadd qatt ma qallu li trid tintela' xi formola partikolari.

**Joseph Zammit** jgħid li għandu garaxx ġewwa Old Hospital Street liema garaxx ilu għandu xi ħamsin sena u li jinsab viċin il-kamrata. Jikkonferma li fil-kamrata hemm diversi meters. Joseph Zammit kien dispost sabiex jiftaħ l-aċċess għal meters sabiex jiġu rappreżentanti tal-ARMS u jaqraw il-meters. Inoltre jikkonferma li l-meters tad-dawl jinsabu ġewwa filwaqt li tal-ilma jinsabu barra fil-bitħa fejn jinsabu l-garaxxijiet.

**Jesmond Grech** huwa foreman mal-Enemalta fuq id-distrett tal-Belt. Meta mistoqsi jekk saritx rikjesta sabiex l-arloġġi li jinsabu ġewwa l-Kamrata fi Triq il-Merkanti jitilgħu fuq fil-blokk appartamenti, Jesmond Grech jgħid li huwa qatt ma rċieva tali rikjesta. Bħala proċedura, l-ewwel irid jiġi electrician sabiex iċaqlaq il-mainijiet minn ġol-ġaraxxijiet u jagħmilhoma fejn ġejjin il-meters u wara japplika għal shifting of meter mal-ARMS, iżda din l-applikazzjoni qatt ma saret.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Frar 2021 ġiet ippreżentata nota tas-soċjeta' intimata li permezz tagħha ġiet irtirata l-ittra uffiċjali bin-numru 1680/2016.

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2021 il-Qorti irrilevat li s-soċjeta' intimata irrtirat il-pretensjonijiet tagħha kif kontenuti fl-ittra uffiċjali bin-numru 1680/2016.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha tal-każ u mill-fatt illi l-import kollu mitlub fl-Ittra Uffiċjali mertu tal-kawza odjerna jidher li ġiet sorvolata għal kollox minħabba li l-istess soċjeta' intimata irtirat il-pretensjonijiet kollha tagħha. Illi għalhekk dak li kien mitlub mill-istess ittra uffiċjali sabiex isir il-ħlas dovut m'għadux aktar dovut u għalhekk jibqa' biss il-kwistjoni tal-ispejjeż ta' din il-kawża.

Illi f'dan il-każ ġara li fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020, ħareġ li l-ħlas dovut kienu tħallsu u dan skont kif irriżulta mix-xhieda tal-istess Ruben Bonnici. Illi kien għalhekk li s-soċjeta intimata irtirat tali ittra uffiċjali bin-numru 1680/2016 u għalhekk ma kellhiex aktar interess li tkompli. Jidher li matul il-kors ta' din il-kawża Francis Grima kien qiegħed

jikkontendi li s-somma ma kenitx dovuta għal raġunijiet li kienu fost oħrajn esaġerati. Illi pero' kif ingħad hawn fuq dan l-ammont li kien dovut tħallas u għalhekk kwalunkwe eċċezzjonijiet li qajjem Francis Grima fir-rikors tiegħu ġew amessi minnhu stess wara li kien ħallas l-ammont dovut hekk kif kien mitlub mis-soċjeta' intimata. Ladarba dan il-ħlas sar mill-istess rikorrent u għalhekk minnhu stess ammetta li kienu dovuti, ma jibqax triq oħra li l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrent Francis Grima.

**Decide:**

Il-Qorti, wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha, wara illi rat illi l-meritu ta' l-Ittra Uffiċjali 1680/2016 ġie sorvolat bil-fatt illi sar il-ħlas ta' l-import kollu mitlub f'tali Ittra Ufficjali, tgħaddi biex tastejni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent, stante illi l-ammont mitlub attwalment tħallas, filwaqt illi **Tikkundanna** lir-rikorrent Francis Grima iħallas l-ispejjeż kollha tal-proċeduri odjerni.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Dr Federico Barbaro-Sant**

**Deputat Reġistratur**